TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 369/11 (JE).

Rita u Joseph Attard

vs

Portughes Dry Cleaning Ltd. u permezz ta' digriet tat-8 ta' Marzu 2012, ġie kjamat in kawża Mario Said eżerċenti l-kummerċ bħala Sagatex Marcon Trading.

Illum, | ta' Lulju 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rita u Joseph Attard tas-26 ta' Awwissu 2031 fejn stqarru illi bagħtu kowt off white tar-rakmu bil-ħajt tiegħu ta' l-istess kulur għad-dry cleaning peress li kellu ftit terra tal-wiċċ fuq l-għonq minn ġewwa. Din kienet l-ewwel darba illi dan il-kowt intbagħat għad-dry cleaning għax kien għadu ġdid. Meta ġie kkonsenjat ħmistax wara, l-attriċi ċċekjatu fil-bieb tad-dar quddiem il-persuna addetta għall-kunsinna u sabet illi l-kowt kien imtebba' kull fejn kien hemm ir-rakmu u għaldaqstant, reġgħet bagħtitu lura. L-attriċi damet xi xahar tistennieh u meta ċemplet biex tindaga dwar il-kowt, ġiet infurmata illi s-soċjetà konvenuta ma setgħet tagħmel xejn. Peress illi l-kowt huwa kollu mtebba b'kulur griż kull fejn kien hemm ir-rakmu, ma jistax jintlibes u dana ammettietu anke s-soċjetà konvenuta.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi l-fatt illi r-rakmu tal-kowt reħa waqt il-proċess ta' dryclean ifisser illi l-informazzjoni li kien hemm fuq it-tabella ta' tindif tal-kowt ma kienetx tajba u l-kowt ma setax jieħu dryclean. Is-soċjetà konvenuta sostniet illi fit-tindif illi hija wettqet, hija mxiet ma' l-istruzzjonijiet li kellha fuq it-tabella tal-kowt iżda ħadd ma kien jaf ir-riskju nvolut qabel mal-kowt ġie mnaddaf.

Illi permezz ta' digriet tat- 8 ta' Marzu 2012, ġie kjamat in kawża Mario Said eżerċenti l-kummerċ bħala Sagatex Marçon Trading.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Ra illi l-atturi u s-soċjetà konvenuta vverbalizzaw fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 illi l-fatti ta' dan l-inċident m'humiex ikkontestati. Madankollu, is-soċjetà konvenuta ssostni illi dak li ġara kien tort tal-fatt illi l-kowt in kwistjoni ma kellux simboli tat-tindif korretti u ma setgħax jieħu dry-cleaning minkejja illi kien indikat illi setgħa jieħu. Is-soċjetà konvenuta għaldaqstant ipproponiet illi l-kowt in kwistjoni jintbagħat l-Italja sabiex isirulu t-testijiet relattivi a spejjeż proviżorjament tagħha.

Ra illi l-kjamat in kawża ma daħħal l-ebda risposta u konsegwentement, waqa' kontumaċi.

Ikkunsidra.

Illi l-kwistjoni prinċipali f'dina l-kawża hi dwar min hu responsabbli għat-tbajja illi rriżultaw fejn kien hemm ir-rakmu fil-kowt in kwistjoni. Is-soċjetà konvenuta wettqet analiżi f'laboratorju speċjalizzat l-Italja u ppreżentat ir-risultanzi relattivi bħala Dok. "IP". L-analiżi kkonkludiet illi "In the light of the performed analyses and from the achieved results it can be said that that the pigment used to give colour to the yarns of the embroidery is not suitable for for the advised dry cleaning process as, after the bath, no fixative was used to protect the colour. The dry cleaning process has brought a hidden production defect." Dana minkejja illi l-kowt in kwistjoni kien kjarament jindika "Dryclean only".

Illi l-konklużjoni tal-analiżi hija ċara u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-kjamat in kawża, it-Tribunal jagħmel tiegħu l-konklużjoni msemmija u jattribwixxi r-responsabilità tal-inċident in kwistjoni lill-manifattur tal-kowt kif rappreżentat mill-kjamat in kawża.

Irriżulta illi l-kowt in kwistjoni sewa' € 140 mentri s-soċjetà konvenuta nefqet € 135 sabiex twettaq l-analiżi msemmija. Għaldaqstant, it-Tribunal qed jikkundanna lil Mario Said għall-ħlas ta' € 140 lill-atturi u sabiex jirrifondi € 135 lis-soċjetà konvenuta.

Bl-ispejjeż tal-preżenti għall-istess kjamat in kawża.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.